Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2702

15.10.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2702

**tal-14 ta' Ottubru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2287 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Niġer**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2287 (1).

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2287 tapplika sal-24 ta' Ottubru 2024. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sal-24 ta' Ottubru 2025.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2287 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2287, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-24 ta' Ottubru 2025.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2287 tat-23 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Niġer (ĠU L, 2023/2287, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2287/oj).